# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 15 ta' Marzu 2016

Rikors Guramentat Nru. 52 / 15RGM

Kawza fil-lista: 17

**X F**
**vs**
**A N W (F) u b'digriet tal-14 ta' Jannar 2013**
**l-Avukat Mark Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello**
**gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw**
**lill-assenti A N W (F)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur fis-16 ta' Marzu 2015 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi dana r-rikors qed isir biex jimpunja in kontradittorju parti mid-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-4 ta' Marzu 2015 Citazzjoni numru 53/2010 AL fl-ismijiet hawn fuq premessi, fejn dik l-Onorabbli Qorti cahdet it-talbiet tal-attur sabiex isiru korrezzjonijiet fl-ammonti li hallas l-attur lill-bank ghall-facilita' mal-HSBC Bank (Malta) Plc ghall-perijodu bejn April 2005 u Gunju 2011 u di konsegwenza l-korrezzjonijiet relattivi fl-ammont li l-intimata ghandha tirrifondi lill-istess attur.

2. Illi dina l-procedura qed issir ukoll in vista tal-gurisprudenza li tghid li fir-rigward ta' digriet li ma jezisti ebda dritt ta' appell minnu, dana jista' jigi revokat biss bi proceduri appoziti mehuda in kontradittorju fil-Qorti li tkun mitluba li tirrevoka dak id-digriet, u minn tali decizjoni, ikun hemm dritt ta' appell. Fil-fatt, fil-kawza fl-ismijiet Josephine armla ta' Vincent Calleja pro et noe et vs Norman Rossignaud et deciza fil-25 ta' Marzu 1987, il-Qorti tal-Appell qalet: "…infatti,

jekk id-digriet tat-2 ta' April, 1986, li sar l-appell minnu, huwa digriet kamerali l-appell prezenti huwa irritu u null billi kif jinsab stabbilit fil-gurisprudenza taghna l-proceduri ghall-impunjazzjoni ta' din ix-xorta ta' digrieti m'hijiex b'rikors lil din il-Qorti (ara fast ohrajn, 'F vs Chetcuti et noe', 8 ta' Frar, 1946, Vol. XXXII.I.340);". F'din il-kawza ta' F vs Chetcuti et noe, il-Qorti qalet: “Illi skond is- sistema tal-Ligi tal-Procedura Civili taghna, it-titolu li jikkontempla d-digrieti, is-sentenzi u l-appelli (Titolu VI), isemmi li s-sentenzi tal-Qrati ta' l-Ewwel Istanza huma appellabili lil din il-Qorti, barra minn certi kazi specjali, u jaghti l-mod u t-termini ta' dan l-appell. Il-ligi mbaghad tghaddi ghad-digrieti interlokutorji, u tghid illi minn dawn id-digrieti hemm anki appell; u peress illi l-emendi li kienu introdotti bl-Ordinanza XV ta' 1-1913 irrendew dawn id-digrieti appellabili, jekk immedjatament, b'forma izjed semplici mill-appell ordinarju, cjoe permezz ta' rikors fi zmien qasir, u dan biex il-procedura tkun izjed spedita u ma jkunx hemm protilazzjonijiet in utili. Il-ligi ma qalet xejn fuq digrieti li mhumiex interlokutorji; u ghalhekk, la darba l-legislatur semma s-sentenzi u semma d-digrieti interlokutorji, voldiri illi appell minn digriet li mhux interlokutorju ma jkunx hemm. Tant huwa dan veru illi fil-prattika forensika, specjalment f'dawn il-proceduri ta' subasti, meta jsir rikors ghal xi provvediment u jkun hemm l-oppozizzjoni tal-kontroparti, il-Qorti, skond il-prattika inveterata, taghti digriet fis-sens li tordna li r-rikorrent jipprocedi skond il-ligi, precizament kif sar anki f'dan il-kaz permezz tad-digriet tal-25 ta' April 1945. Allura r-rikorrent li jkollu interess jimpunja dak id-digriet jew li s-subasta tigi sospiza, jew li jittiehed kwalunkwe provvediment iehor, jagixxi permezz ta' citazzjoni quddiem l-istess Qorti in kontradittorju ma' dik il-parti li opponiet/u t-talba tieghu; u allura jkollu sentenza li minnha certament ikollu dritt ghall-appell. B'dan il-mod l-impunjazzjoni ta' digrieti simili jistghu jigu quddiem din il-Qorti; izda mhux permezz ta' semplici rikors ta' appell mid-digriet ta' l-Ewwel Qorti li ma jkollux in-natura ta' digriet interlokutorju;"

3. Illi dana r-rikors qed isir minghajr pregudizzju ghall-proceduri ohra li hemm pendenti.

4. Illi huwa opportun li qabel ma' jressaq l-argumenti tieghu sabiex jigi impunjat parti mid-digriet tal-4 ta' Marzu 2015, l-attur jibda billi jaghti sfond tal-passi li ha li eventwalment wassluh ghall-procedura odjerna'.

i. Illi l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ddecidiet il-kawza fl-ismijiet fuq premessi fl-4 ta' Dicembru 2014. Kopja tas-sentenza qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. AL;

ii. Sussegwentement, l-attur innota li saru xi zbalji ta' kalkolu fis-sentenza hawn fuq imsemmija u ghalhekk utilizza r-rimedju moghti fil-ligi taht l-Artikolu 825 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ppresenta rikors quddiem dik l-Onorabbli Qorti fit-18 ta' Dicembru 2014 sabiex "jsiru s-segwenti

korrezzjonijiet u kwalunkwe korrezzjonijiet ohra necessarji in sostenn tal-korrezzjonijiet hawn isfel elenkati, fis-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-4 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet fuq premessi u dana taht kull provvediment li dik l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi:

(1) a pagna 17 tas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-4 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet fuq premessi, l-ammont ta' €2952.13 jigi korrett u minflok jitnizzel l-ammont ta' €4301.17.

(2) a pagna 25 tas-sentenza moghtija minn din a l-Onorabbli Qorti fl-4 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet fuq premessi, l-ammont ta' €1476.06 jigi korrett u minflok jitnizzel l-ammont ta' €2150.59.

(3) a pagna 17 tas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-4 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet fuq premessi, l-ammonti ta' €11,507.69 u €5753.84 rispettivament jigu korretti u minflok jitnizzlu l-ammonti ta' €40,997.11 u €20,498.56 rispettivament.

(4) a pagna 17 u a pagna 25 tas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-4 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet fuq premessi, l-ammont ta' €5753.84 jigi korrett u minflok jitnizzel l-ammont ta' €20,498.56"

In segwitu ghar-risposta tal-konvenuta ghal dana r-rikors, dik l-Onorabbli Qorti taghti digriet fit-13 ta' Frar 2015 permezz ta' liema cahdet it-talbiet tal-attur, u dana minghajr ma taght ebda ragunijiet. L-ewwel digriet kamerali datat 13 ta' Frar 2015 qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok AL1.

iii. Illi sussegwentement fl-20 ta' Frar 2015, l-atturipprezenta rikors sabiex ghar-ragunijiet hemm imfissra, id-digriet tat-13 ta' Frar 2015 jigi revokat contrario impero. In segwitu ghall-kontestazzjoni tal-intimata, permezz ta' digriet tal-4 ta' Marzu 2015, dik l-Onorabbli Qorti laqghet l-ewwel u t-tieni talbiet tal-attur (wara li qalet li l-attur kellu ragun) u cioe sabiex isiru l-korrezzjonijiet mehtiega f'dana s-sens:

(1) a pagna 17 tas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-4 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet fuq premessi, l-ammont ta' €2952.13 jigi korrett u minflok jitnizzel l-ammont ta' €4301.17. u

(2) a pagna 25 tas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-4 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet fuq premessi, l-ammont ta' €1476.06 jigi korrett u minflok jitnizzel 1-ammont ta' €2150.59.

filwaqt li cahdet it-tielet u r-raba' talbiet ghar-ragunijiet imsemmija fir-risposta tal-intimata. It-tieni digriet kamerali datat 4 ta' Marzu 2015 qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. AL2.

iv. Illi in vista tal-fatt li dik l-Onorabbli Qorti laqghet l-ewwel u t-tieni talbiet tal-attur hekk kif kontenuti fir-rikorsi hawn fuq imsemmija u b'hekk saru l-korrezzjonijiet relattivi fis-sentenza tal-4 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet hawn fuq premessi, dana r-rikors huwa limitat fuq dik il-parti tad-digriet datat 4 ta' Marzu

2015 (u ghal kull fini u effetti tal-ligi ghal parti ekwivalenti fid-digriet tat-13 ta' Frar 2015) fejn il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) cahdet it-tielet u r-raba' talbiet tal-attur u cioe:
(1) fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti kkalkulat li l-appellanti hallas esklussivament 1-ammont ta' €11,507.69 biss ghall-facilita' mal-HSBC Bank (Malta) Pic ghall-perijodu bejn April 2005 u Gunju 2011; u
(2) fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet li l-appellata ghandha thallas lill-appellanti l-ammont ta' €5753.84 biss bhala l-ammont rapprezentanti nofs il-hlas relattiv ghall-facilita' mal-HSBC Bank (Malta) Pic ghall-perijodu bejn April 2005 u Gunju 2011.

5. Illi ghalhekk il-bazijiet ghall-impunjattiva huma s-segwenti:
(1) llli dwar is-self tad-dar matrimonjali, fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 2014, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) qalet is-segwenti: "….. kwalunkwe pagament li sar wara tali data minn xi parti jew ohra ghandha titqies bhala pagament li sar b'mod individwali. Ghalhekk, kwalunkwe pagament li sar mir-rikorrent wara 1-15 ta' April 2005 ghandu jitqies li sar minnu biss b'dan li l-intimata ghandha tirrifondi kwantu ghal nofs l-istess ammont imhallas minnu." (sottolinjar mizjud) (vide pagna 17 tas-sentenza in kwistjoni) u fid-decide l-Onorabbli Qorti qalet: "ii. L-ammont ta' €5753.84 rapprezentanti f'nofs il-hlas relattiv ghall-facilita' mal-HSBC Bank (Malta) Plc ghall-perijodu bejn April 2005 u Gunju 2011 …." (sottolinjar mizjud) (vide pagna 25 tas-sentenza in kwistjoni) Izda meta dik l-Onorabbli Qorti pprocediet biex tikkalkula 1-ammont li l-intimata ghandha taghti lill-attur, ghamlet zball peress illi ma kkalkolatx il-pagament kollu li sar mill-attur, izda parti minnu biss. l-ammont li hallas ir-rikorrent esklussivament fil-perijodu wara 15 April 2005 sas-6 ta' Gunju 2011 huwa ta' erbghin elf disa' mija sebgha u disghin Ewro u hdax-il centezrni (€40,997.11) u mhux €11,507.69. Jirrizulta li meta dina l-Onorabbli Qorti ghamlet il-kalkolazzjoni taghha, naqset milli tinkludi s-segwenti ammonti, ossia: (a) l-imghaxijiet imhallsa mill-esponenti fuq is-somma tal-loan principali tad-dar; (b) ii-life insurance payments rikjesti mill-bank sabiex jinhareg il-loan principali tad-dar; u (c) il-House Insurance Payments ghal darb'ohra rikjesti mill-bank sabiex ikun jista' jinhareg il-loan principali tad-dar. Dawn l-ammonti huma kollha mnizzla fid-Dok. GA3 li jinsab in atti. Ghalhekk, wara 1-15 ta' April 2005 ossia mill-5 ta' Mejju 2005 sa 6 ta' Gunju 2011, l-esponenti hallas is-segwenti:-

A. Bhala loan, ossia l-principal amount flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi fuq tali principal amount, jirrizulta mid-dokumenti esebiti in atti, ossia Dok GA3 li l-esponenti hallas €38,229.08 kif spjegat fid-dettal hawn isfel:

1. Minn Mejju 2005 sa April zooe l-esponenti hallas kull xahar mija disgha u tmenin liri maltin (Lm189) li llum huma ekwivalenti ghal erba' mija u erbghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmi (€440.25) (dana huwa mnizzel f'Dok. GA3 bhala "DD Repayment 68048511051189.00")

2. Fit-8 ta' Ottubru 2005 hallas is somma ta' mija tmienja u erbghin liri maltin u tmenijn centezmi (Lm 148.80) li llum huma ekwivalenti ghal tlett mija u sitta u erbghin Ewro u wiehed u sittin centezmi (€346.61) "HSBC Deposit 148.80 Ref.: 60181-00167"
3. Minn Mejju 2006 sa Gunju 2006 l-esponenti hallas kull xahar mitejn u sbatax-il lira Maltin u sebgha u hamsin centezmi (Lm217.57) li llum huma ekwivalenti ghal hames mija u sitt Ewro u tmenin centezmi (€506.80) (dana huwa mnizzel f'Dok. GA3 bhala "DD Repayment 68048511051 217.57")
4. Minn Lulju 2006 sa Novembru 2006 l-esponenti hallas kull xahar mitejn hamsa u ghoxrin liri maltin u tmienja u ghoxrin centezmi (Lm225.28) li llum huma ekwivalenti ghall-hames mija erbgha u ghoxrin Ewro u sitta u sebghin centezmi (€524.76) (dana huwa mnizzel f'Dok. GA3 bhala "DD Repayment 68048511051 225.28").
5. Minn Dicembru 2006 sa Frar 2007 l-esponenti hallas kull xahar mitejn disgha u ghoxrin liri Maltin u tnejn u tmenin centezmi (Lm229.82) li llum huma ekwivalenti ghal hames mija hamsa u tletin Ewro u erbgha u tletin centezmi (€535.34) (dana huwa mnizzel f'Dok. GA3 bhala "DD Repayment 68048511051 229.82").
6. Minn Marzu 2007 sa Gunju 2007 l-esponenti hallas kull xahar mitejn tlieta u tletin liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm233.78) li llum huma ekwivalenti ghal hames mija erbgha u erbghin Ewro u sitta u hamsin centezmi (€544.56) (dana huwa mnizzel f'Dok. GA3 bhala "DD Repayment 68048511051 233.78")
7. Minn Lulju 2007 sa Dicembru 2007 l-esponenti hallas kull xahar mitejn u erbghin liri maltin u sitta u ghoxrin centezmi (Lm240.26) li llum huma ekwivalenti ghal hames mija disgha u hamsin Ewro u sitta u sittin centezmi (€559.66) (dana huwa mnizzel f'Dok. GA3 bhala "DD Repayment 68048511051 240.26").
8. Fis 6 ta' Novembru 2007 l-esponenti hallas is-somma ta' erbghin liri maltin (Lm 40) li llum huma ekwivalenti ghal tlieta u disghin Ewro u sbatax-il centezmi (€93.17) (dana huwa mnizzel f'Dok. GA3 bhala "HSBC Deposit 40.00 Ref.: 60940-01346")
9. F'Dicembru 2007 l-esponenti hallas ukoll mija tlieta u erbghin liri Maltin u tmenin centezmi (Lm143.80) li llum huma ekwivalenti ghal tlett mija erbgha u tletin Ewro u sitta u disghin centezmi (€334.96) (dana huwa mnizzel f'Dok. GA3 bhala "HSBC Deposit Ref.:60975-00419" f'Dok. GA3).
10. Minn Jannar 2008 sa Awissu 2008 l-esponenti hallas kull xahar hames mija disgha u hamsin Ewro u sitta u sittin centezmi (€559.66) (dana huwa mnizzel f'Dok. GA3 bhala "DD Repayment 68048511051 559.66").
11. Minn Settembru 2008 sa Ottubru 2008 l-esponenti hallas kull xahar hames mija disgha u sittin Ewro u wiehed u erbghin centezmi (€569-41) (dana huwa mnizzel f'Dok. GA3 bhala "DD Repayment 68048511051 569-41").

12. Minn Novembru 2008 sa Oicembru 2008 l-esponenti hallas kull xahar hames mija tmienja u tletin Ewro u erba' centezmi (€538.04) (dana huwa mnizzel f'Dok. GA3 bhala "DD Repayment 68048511051 538.04").

13. Minn Jannar 2009 sa Frar 2009 l-esponenti hallas kull xahar hames mija u tmintax-il Ewro u hamsa u sebghin centezmi (€518.75) (dana huwa mnizzel f'Dok. GA3 bhala "DD Repayment 68048511051 518.75").

14. Minn Marzu 2009 sa Gunju 2011 l-esponenti hallas kull xahar erba' mija sebgha u tmenin Ewro u tlieta u disghin centezmi (€487.93) (dana huwa mnnizzel f'Dok. GA3 bhala "DD Repayment 68048511051 487.93").

B. u Bhala Life lnsurance wara April 2005 sa Gunju 2011, jirrizulta mid-dokumenti esebiti in atti, ossia Dok GA3 li l-esponenti hallas €2079.66 kif spjegat fid-dettal hawn isfel:

15. F'Ottubru 2005, f'Ottubru 2006 u f'Ottubru zooz l-esponenti hallas mija tmienja u erbghin liri maltin u tmenin centezmi (Lm148.80) li llum huma ekwivalenti ghal tlett mija sitta u erbghin Ewro u wiehed u sittin centezmi (€346.61) (dana huwa mnizzel f'Dok. GA3 bhala "DD Ins. Repayment - 68048511051" )

16. F'Ottubru 2008, f'Ottubru 2009 u f'Ottubru 2010 l-esponenti hallas tlett mija sitta u erbghin Ewro u wiehed u sittin centezmi (€346.61) (dana huwa mnizzel f'Dok. GA3 bhala "DD Ins. Repayment - 68048511051" )

C. U bhala House Insurance wara April 2005 sa Gunju 2011, jirrizulta mid-dokumenti esebiti in atti, ossia Dok GA3 li l-esponenti hallas €688.37 kif spjegat fid-dettal hawn isfel:

17. F'Ottubru 2005 u f'Ottubru 2006 rispettivament l-esponenti hallas wiehed u erbghin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm41.75) li llum huma ekwivalenti ghal sebgha u disghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezrni (€97.25) (dana huwa mnizzel f'Dok. GA3 bhala "DD Ins.Repayment-68048511051-Ref.:60204-00516" u "DD Ins. Repayment - 68048511051-Ref. :60569-00883" rispettivament).

18. F'Ottubru 2007 l-esponenti hallas erbghin liri maltin (Lm40) li llum huma ekwivalenti ghal tlieta u disghin ewro u sbatax-il centezrni (€93.17) (dana huwa mnizzel bhala "DD Ins. Repayment-68048511051-Ref.:60934-00856" f'Dok. GA3).

19. F'Ottubru 2008 l-esponenti hallas tlieta u disghin Ewro u tmintax-il centezmi (€93.18) (dana huwa rnnizzel f'Dok. GA3 bhala "" u "DD Ins. Repayment- 68048511051 Ref. :61300-00870" ).

20. F'Ottubru 2009 u f'Ottubru 2010 rispettivament l-esponenti hallas mija tlieta u hamsin Ewro u sitta u sebghin centezrni (€153.76) (dana huwa mnizzel f'Dok. GA3 bhala "DD Ins.Repayment-68048511051-Ref.: 61665-00819" u "DD Ins. Repayment - 68048511051- Ref. :62031-01840" rispettivament).

Illi ghalhekk jirrizulta li jekk wiehed jghodd flimkien il-paragrafi A.: €38,229.08 flimkien ma' B.: €2079.66 u flimkien ma' C.: €688.37 kif hawn fuq dettaljati, l-ammont globali li hallas l-esponenti b'mod esklussiv huwa ta' erbghin elf disa' mija sebgha u disghin ewro u hdax-il centezmi (€40,997.11).

Illi huwa risaput li sabiex bank johrog self ghal xiri ta' immobbli, il-bank stess jesigi li 1-persuni li qed jitolbu s-self jhallsu wkoll assikurazzjoni kemm fuq l-immobbli li ser jinxtara u kemm fuq il-hajja tal-persuni nfushom. Kif jirrizulta mill-atti tal-process u di segwitu mis-suespost, minbarra s-self per se ossia l-principal amount u l-imghaxijiet relattivi, l-appellanti hallas ii-life insurance u l-house insurance rikjesti mill-bank.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-intimata ghandha taghti lill-attur l-ammont ta' ghoxrin elf, erba' mija tmienja u disghin ewro u sitta u hamsin centezmi (€20,498.56) u mhux €5753.84 imsemmija a pagna 17 u 25 tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-4 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet fuq premessi.

(2) Illi tajjeb li jigi rilevat ukoll li r-raguni li tat l-Ewwel Onorabbli Qorti fid-digriet taghha tal-4 ta' Marzu 2015 talli cahdet it-talbiet tal-attur fir-rigward l-ammont reali li l-attur hallas esklussivament fir-rigward tas-self fuq id-dar matrimonjali huwa ghar-ragunijiet imsemmija fir-risposta". Issa jekk wiehed jara r-risposta tal-intimata ppresentata fit-3 ta' Marzu 2015, hija tghid: “Illi l-istess ghandu jinghad ghall-imghaxijiet. Jigi rilevat li 1-Qorti kellha in atti rendikont dettaljat ta' xi thallas u ma huwiex kaz li l-qorti meta giet biex tghodd xi thallas qabiet xi pagament izda konsapevolment skartat l-imghaxijiet ghaliex gustament ir-rikorrenti kien ilu jabita fil-fond ad eskluzjoni ta' l-intimata u jcahhadha minn sehma ghal hdax il-sena shah cioe mill-2004. Ghalhekk dana sikurament ma huwiex zball ta' kalkolu." Illi bir-rispett kollu, fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 2015, l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma qajjmet jew accennat ghal dan kollu li semmiet l-intimata fir-risposta taghha ghar-rikors tal-20 ta' Frar 2015. Is-sentenza tal-4 ta' Dicembru 2014 hija cara daqs il-kristall (kif evidenzjat ukoll mill-kwotazzjonijiet riprodotti aktar 'il fuq f'dana r-rikors) u ma tidholx f'ebda wahda mill-argomenti mqajjma mill-intimata fir-risposta taghha in kwistjoni. Jekk kienet l-intenzjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti li tiddeciedi 1-kwistjoni mertu ta' dana r-rikors abbazi tar-ragunijiet imsemmija mill-intimata fir-risposta taghha ghar-rikors tal-20 ta' Frar 2015, allura kien id-dover tal-Ewwel Onorabbli Qorti li taghti dawn ir-ragunijiet fis-sentenza taghha tal-a ta' Dicembru 2014 u mhux 1-ewwel tghid li l-intimata ghandha tirrifondi nofs l-ammont imhallas esklussivament mill-attur umbaghad sussegwentement, permezz tad-digriet tal-4 ta' Marzu 2015, issemmi ragunljiet ohra godda.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-attur jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalunkwe provvediment li jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi tiddeciedi dana r-rikors guramentat billi:

1. Tirriforma d-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-a ta' Marzu 2015 Citazzjoni numru 53/2010 fl-ismijiet fuq premessi, billi thassar, tirrevoka u tannulla dik il-parti fejn cahdet it-tielet u r-raba' talbiet tal-attur u tikkonfermaha fil-bqija filwaqt illi tichad 1-eccezzjonijiet u risposti tal-intimata, bl-ispejjez ta' dawna l-proceduri kontra l-intimata; u

2. Ghal kull fini u effetti tal-ligi, thassar, tirrevoka u tannulla d-digriet tal-Oorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat-is ta' Frar 2015 Citazzjoni numru 53/2010 fl-ismijiet hawn fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, din l-istanza hija mproponibbli stante illi ma huwiex possibbli legalment li lir-rikorrenti jattakka, permezz tal-procedura adoperata minnu, digriet moghti sabiex jikkorregi sentenza finali. Jigi rilevat illi r-rimedji kontemplati legalment ghal modifika ta' sentenza huma unikament permezz ta' appell jew, fil-kazijiet permessi mill-Ligi, permezz ta' ritrattazzjoni. Certament ma huwiex permessibbli li f’kull zmien wara, anke meta sentenza tkun ghaddiet in gudikat, tigi intavolata kawza bhal dik de quo, fejn jintalab revoka ta' digriet moghti a tenur ta' l-Artikolu 825 tal-Kapitolu 12, stante illi wahda mill-konsegwenzi tkun li sentenza li tkun setghet ghaddiet in gudikat terqa tigi riattivata. Dana definittivament jiddistabilizza c-certezza tad-dritt u ghalhekk il-procedura odjerna ma hijiex kontemplata fil-kodici. Dana ab bazi tal-principju ubi lex voluit dixit.

Illi ukoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-istanza kif esperita ma hijiex proponibbli stante illi permezz ta' l-istess ir-rikorrenti qed jittanta johloq Qorti tat-tielet istanza peress illi jekk ma jigux milqugha t-talbiet tieghu fil-kawza odjerna, ikollu dritt ta' appell minn din l-istanza u dana esklussivament koncernanti digriet li nghata dwar sentenza finali. Jigi rilevat illi oltre ghal din il-kawza odjerna, ir-rikorrenti diga intavola Appell (Dok A) li jinsab pendenti b' talbiet identici. Illi konsegwentment, il-fatt illi jinsabu presenzjament pendenti Appell kif ukoll din il-kawza odjerna, ghar-revoka ta' l-istess digriet in kwistjoni identika, mertu wkoll ta' l-appell, jittanta johloq tielet istanza li mhux permessibbli, oltre ghal kontradizzjoni irrikonciljabblili bejn iz-zewg proceduri li finalment, jistghu jkollhom ezitu differenti.

Illi ukoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost din l-istanza hija ukoll improponibbli peress illi r-rikorrenti stess wara li rrikorra l-Qorti b' talba sabiex kawza tigi ritrattrata (Dok B), bl-istanza odjerna qed jitlob lil din 1-Onorabbli Qorti tvarja digriet li kkorega sentenza li hu stess qed jitlob li tigi mismugha mill-gdid, u ghalhekk hemm kontradizzjoni li tohloq anomalija irrimedjabbli bejn il-varji proceduri intavolati mir-rikorrenti.

Illi ukoll in linea preliminari din l-istanza ma hijiex ukoll proponibbli stante illi fil-procedura kontemplata fl-artikolu 825 tal-Kap 12 li tipprovdi ghal korrezzjoni ta' zball f'sentenza, il-legislatur ma pprovdiex ghas-smiegh mill-gdid tax-xhieda izda pprovda biss li tali rikors gnandu jigi notifkat lill-parti l-ohra, B'danakollu, fl-istanza odjerna, permezz tal-lista ta' xhieda minnu presentata, ir-rikorrenti qed jitlob lill-Qorti terga' tisma' xhieda mill-gdid koncernanti dritt minnu pretiz li jemani unikament mid-dispost tal-precitat artikolu, u dan imur ferm oltre l-intendiment tal-Legislatur meta fir-rimedju ta' korrezzjoni ta' zball f'sentenza qatt ma ried illi jinstemghu ix-xiehda appuntu ghaliex is-sentenza relattiva tkun diga ghaddiet in gudikat;

Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet kif esposti ma jistghux jigu akkolti ghaliex huma monki fis-sens li Qorti ma tistax tintalab unikament '….thassar, tirrevoka, u tannulla dik il-parti [tad-digriet attakkat] fejn cahdet it-tielet u r-raba talbiet ta' l-attur u tikkonferma fil-bqija filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet u r-risposti ta' l-intimata ... ' Dan jinghad ghaliex anke kieku tigi milqugha din it-talba tar-rikorrenti ghar-revoka ta' dik il-parti tad-digriet, din il-Qorti baqghet ma ntalbitx tipprovdi b'mod differenti fir-rigward il-parti tad-digriet li cahad dawn it-tielet u r-raba' talbiet ta' l-attur. X' jigri wiehed umilment jistaqsi jekk parti minn digriet jigi revokat u annullat? Jibqa vojt?

Ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel erba` eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta.

Ikkunsidrat:

**L-Azzjoni**

Din il-procedura qed isir sabiex jigi mpunjat in kontradittorju parti mid-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-4 ta' Marzu 2015 (53/10AL) fl-ismijiet hawn fuq premessi, fejn dik il-Qorti cahdet it-talbiet tal-attur sabiex isiru

korrezzjonijiet fis-sentenza taghha rigward l-ammonti li hallas l-attur lill-bank HSBC Bank (Malta) Plc u konsegwentement korrezzjonijiet fl-ammonti li l-intimata ghandha tirrifondi lill-istess attur.

**L-Ewwel Eccezzjoni Preliminari tal-Konvenuta**

L-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuta hija fis-sens illi din l-istanza hija mproponibbli stante illi ma huwiex possibbli legalment li r-rikorrenti jattakka, permezz tal-procedura adoperata minnu, digriet moghti sabiex jikkorregi sentenza finali.

Il-konvenuta tissottometti illi r-rimedji kontemplati legalment ghal modifika ta' sentenza huma unikament permezz ta' appell jew, fil-kazijiet permessi mill-Ligi, permezz ta' ritrattazzjoni. Tissottometti illi meta sentenza tkun ghaddiet in gudikat u tigi intavolata kawza bhal dik de quo, fejn jintalab revoka ta' digriet moghti a tenur ta' l-Artikolu 825 tal-Kapitolu 12, wahda mill-konsegwenzi tkun li sentenza li tkun setghet ghaddiet in gudikat terga' tigi riattivata. Dan jiddistabilizza c-certezza tad-dritt u ghalhekk il-procedura odjerna ma hijiex kontemplata fil-kodici.

L-**Artikolu 825(1) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

> *Id-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu ma jimpedux lill-Qorti, fuq rikors ta' waħda mill-partijiet, li għandu jiġi nnotifikat lill-parti l-oħra, milli tikkorrieġi b'digriet, f'kull żmien, xi żball ta' kalkolu li jkun sar fis-sentenza.*

Dan il-provvediment legali huwa bbazat fuq l-awtorita' tad-dritt Ruman li jafferma *"actoram verba emendare, tenore sententiae perseveranta, non est prohibitum"* (L. 46 Titolus I Dig. "De re judicata").

Din il-Qorti izda tinnota wkoll illi r-rimedju moghti a tenur tal-Artikolu su-citat huwa rimedju eccezzjonali u straordinarju intiz biss ghall-korrezzjoni ta' 'zball ta' kalkolu.' Din il-Qorti tinnota wkoll illi huwa evidenti *ictu oculi* illi l-intenzjoni tal-legislatur b'tali provvediment ma kienx dak illi jerga` jiftah il-mertu ta' sentenza li diga` ghaddiet in gudikat, jew li jaghti d-dritt lil parti li thossha aggravata minn xi parti tas-sentenza illi tittanta tvarjaha permezz ta' rikors bhal dan.

L-attrici tikkwota in sostenn tal-azzjoni minnha proposta, gurisprudenza fejn il-Qrati taghna sahqu illi wara digrieti li la huma definittivi u lanqas interlokutorji u li kwindi ma hemmx appell minnhom, il-procedura sabiex jigi impunjat tali digriet huwa bil-mezz ta' citazzjoni in kontradittorju bhal ma huwa dak odjern.

Din il-Qorti tirrileva fl-ewwel lok illi ebda wahda mis-sentenzi kkwotati mill-konvenuta ma kienu jitrattaw l-Artiklu in kwistjoni. Dan jinghad ghaliex l-artikolu 825 huwa wiehed *sui generis*, intiz sabiex jigi korrett zball ta' numri meta jkun evidenti illi l-Qorti ghamlet zball genwin ta' kalkolu, u ttiha hekk l-opportunita` illi tikkoregi l-izvista u zzid ic-certezza bejn il-partijiet. Kif gie ritenut "din il-korrezzjoni tal-izball ta' kalkolu u tal-izball materjali jew involuntarju evidenti tal-pinna jew tad-dicitura f'sentenza, ammessa bhala principju, ma ghandhiex tittrasmoda u tasal li tkun ammessa b'mod li jigi mbiddel il-provvediment li tkun gie moghti mill-istess sentenza; l-ghaliex ghall-fatt li jkun gie, tajjeb jew hazin, ritenut fis-sentenza hemm ir-rimedju ordinarju tal-appell, u fil-kazi permessi mil-ligi r-rimedju tar-ritrattazzjoni". ("**Salvino Schembri et -vs- Joseph Grixti et**", Appell Civili, 23 ta' Novembru, 1959 u "**Simonds Farsons Cisk plc -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**", Appell Inferjuri, '17 ta' Marzu, 2003)."

Ma huwiex izda previst illi tramite din il-mizura eccezzjonali, jergghu jinfethu kalkoli matematici li permezz taghhom jigi mittiefes il-mertu ta' kwalsiasi sentenza li tista` tkun ghaddiet in gudikat. L-uniku mezz kif il-mertu ta' sentenza jista` jigi attakkat huwa biss bil-mezzi previsti mill-ligi, jew ahjar dak tal-appell u dak tar-ritrattazzjoni fil-kazijiet ipprovduti mill-ligi.

Fil-kaz in kwistjoni, il-konvenuta uzufruwiet ruhha mir-rimedju moghti lilha taht l-Artiklu 825(1), ottjeniet digriet mill-Qorti in kwistjoni, u ghamlet ukoll rikors ghal revoka ta' tali digriet contrario imperio. Il-Qorti laqghet tnejn mit-talbiet taghha ghal korrezzjoni izda cahdet it-tnejn l-ohra. Dan ifisser illi filwaqt illi l-Qorti sabet zball ta' kalkolu f'zewg cirkostanzi, ma sabithomx ukoll fic-cirkostanzi l-ohra mqajma mill-konvenuta. Dan huwa l-punt fejn il-vertenza de quo ghandha tieqaf. F'kaz li tittiehed oltre, ikun ifisser illi qieghed jerga` jigi miftuh il-mertu tal-kwistjoni bil-konsegwenza ta' pregudizzju evidenti ghall-kontro-parti, kif ukoll incertezza tad-dritt generali li jmur kontra l-principju ormai assodat - *interest republicae ut sit finis litium*.

Galadarba l-Qorti cahdet tali talba ghall-korrezzjoni ta' 'zball' ifisser li ma kien hemm ebda *lapsus calami.* Huwa ghalhekk li l-legislatur ta lill-istess Qorti l-fakolta`, li fuq rikors ta' parti minnhom, hija tkun tista` tikkoregi zball ta' kalkolu maghmul minnha stess. Hija dik il-Qorti u dik biss illi tista` tiddeciedi jekk effettivament ghamlitx zball ta' kalkolu. F'kaz li l-Qorti tiddeciedi li ma kienx hemm tali zball, l-uniku mezz li parti jkollha biex timpunja l-konkluzjonijiet raggunti minn dik il-Qorti huma dawk ipprovduti mill-ligi, ossia b'rikors ta' appell jew bil-procedura straordinarja tar-ritrattazzjoni.

Huwa sinifikattiv u indikattiv ta' dan kollu l-fatt illi ghal zbalji ohra previsti taht l-Artikol 825(2), il-legislatur kien ferm iktar dettaljat kemm fid-dicitura u kif ukoll fit-termini. Indikazzjoni din li taht l-Artikolu 825(1), huwa semplici zball ta'

kalkolu li jirrizulta lill-Qorti illi jista` jigi kkoreggut, minghajr lok ghal interpretazzjoni tal-mertu jew tibdil sostantiv fih.

Huwa evidenti minn qari tal-Artikolu 825 (1) illi l-Legislatur ma riedx li decizjoni ta' Qorti fuq talba msejsa fuq is-sub inciz numru wiehed tal-Artikolu 825 tigi sindakata kif qed jippretendi l-attur fil-kawza odjerna. L-izbalji li ghalihom qed jirreferi is-sub inciz in dizamina huma zbalji ta' kalkolu li jkunu *evidenti ictu oculi* u li ma jaghtux lok jew htiega ta' ezami mill-gdid tal-mertu kif qed jitlob l-attur f'din il-kawza. Tali zball ta' kalkolu ma hux sindakabbli mill-istess Qorti diversament presjeduta izda mill-Qorti tal-Appell.

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-Legislatur intenzjonalment provda li rikorsi taht l-Artikolu 825 (1) ma jissospendux t-terminu ghall-appell. Ghandha ghalhekk tapplika l-massima legali *ubi lex voluit dixit*. Ir-rimedju moghti bl-Artikolu 825 (1) tal-Kap 12 huwa wiehed ta` natura eccezzjonali u ghandu jigi akkordat biss ghar-ragunijiet u esigenzi ta` gustizzja u pratticita`, izda ghandu jkollu applikazzjoni restrittiva hafna. Interpretazzjoni xort' ohra twassal ghal incertezza tad-dritt.

Jibqa' mpregudikat id-dritt tal-attur illi jekk verament si tratta ta' zball ta' kalkolu jadixxi mill-gdid lill-Qorti li ppronunzjat is-sentenza u dan bis-sahha tal-Artikolu 825 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, tiddikjara l-azzjoni attrici bhala irrita u nulla u konsegwentement tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Imhallef** **Deputat Registratur**